MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 25/2020

It-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2020

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għamel il-laqgħa b'mezz virtwali skond Direttiva 7/2020 – Direttiva dwar il-laqgħat statutorji tal-Kunsilli Lokali u l-laqgħat annwali fil-5.20 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:
Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

| | |
|---|---|
| **25.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| 25.1.1 | Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa. |
| **25.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 25.2.1 | Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 24/2020 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija. |
| 25.2.2 | Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. |
| 25.2.3 | Ma' kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti. |
| 25.2.4 | Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti nru. 24/2020 u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra, jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati. |
| **25.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 25.3.1 | Is-Sindku, s-Sur Nicky Saliba informa lil Kunsilliera illi s-Seg. Eżekuttiv preżentat ittra ta' kwarantina mandatorja li bdiet mis-27 ta' Novembru 2020 sal-11 ta' Diċembru 2020. Informa lil membri li s-Seg. Eżekuttiv xorta għamlet ix-xogħol mid-dar sakemm damet kwarantina. |
| 25.3.2 | Is-Sindku propona sabiex tiżdied ir-rata fis-siegħa lil *cleaner* tal-Kunsill. Il-membri qablu. |
| 25.3.3 | Is-Sindku, s-Sur Nicky Saliba propona u l-membri qablu sabiex issir talba lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex tiżdied il-paga tal-ħaddiema li taħdem mal-Kunsill taħt l-iskema tas-CIES. |

25.3.4 Is-Sindku propona u l-membri qablu li għandu jinxtara *hamper* għal Kunsilliera u l-ħaddiema klerikali tal-Kunsill peress li din is-sena minħabba l-pandemija mhix ser issir l-ikla tas-soltu. Qablu wkoll li jinxtara flixkun *whiskey* lil ħaddiema taħt l-iskema CWS.

25.3.5 Is-Sindku propona li għandhom jinxtraw żewġ boroz kbar tal-ħelu sabiex jitqassmu lit-tfal tal-lokalita'. Il-membri qablu.

25.3.6 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba informa lil membri li ġie mistieden mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-Onor. Dr Justyne Caruana fl-iskola primarja fejn iltaqa' wkoll ma l-amministrazzjoni ta' l-iskola. Kompla jgħid illi l-Ministru għal Għawdex ser tgħin lil Kunsill sabiex issir il-*fence* madwar il-*ground.* Is-Sindku rringrazzja lil Ministru ta' l-għajnuna tagħha.

25.3.7 Is-Sindku beda billi rringrazzja lil kull min appoġjah meta deher quddiem il-Bord tal-Governanza. Irringrazzja wkoll lil dawk li kienu kwarantina u ma setgħux jattendu. Wera d-dispjaċir tiegħu illi l-Kunsill kellu l-bord fuq Triq il-Ponta iżda intqalu affarijiet oħra li ma kellhomx x'jaqsmu xejn ma dan is-suġġett. Is-Sindku qal li jħossu mweġġa li ntqal li qed jingħataw id-donazzjonijiet għad li l-Kunsill ma jagħtix donazzjonijiet iżda jidħol b'kollaborazzjoni ma' l-Għaqdiet. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jirċievi risposta mill-bord fi żmien 6 ġimgħat.

25.3.8 Is-Sindku qal li fil-laqgħa tal-lokalita' li saret nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Diċembru 2020 m'attenda ħadd ħlief l-Kunsilliera u d-Deputat Segretarju peress li s-Seg. Eżekuttiv kienet għadha taħt kwarantina mandatorja.

25.3.9 Is-Sindku nforma lil membri li l-*Asst. Principal* tal-Kunsill, is-Sna. Michelina Cutajar ser terġa tmur fis-Segretarjat tal-Ministeru għal Edukazzjoni. Kompla jgħid li s-Sna Cutajar lesta li tibqa' tokkupa l-kariga sakemm jinstab xi ħadd alternattiv sabiex l-Uffiċċju f'Marsalforn ma jingħalaqx. Il-membri qablu li għandha tinħareġ *call for applicants* għal ħaddiem mal-Kunsill fuq Skala 13 fuq bażi *back to back.*

25.3.10 Is-Sindku informa lil Kunsilliera li fi Triq iż-Żebbuġ kien hemm inċident tat-traffiku ikrah, hu sostna li l-Kunsill talab kemm il-

darba sabiex tinbena' appramorta u jsiru *crash barriers* fejn Wied Salve Regina u fejn iċ-Ċimiterju. Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Awtorita' kkonċernata. Il-Viċi Sindku talbet lis-Seg. Eżekuttiv biex tintbgħat l-*isweeper* fejn il-Wied tas-Salve Reġina. Il-membri qablu li ssir talba lil *Eco Gozo.*

25.3.11 Is-Sindku qal li Triq ta' Ċenċ tnaddfet miz-zkuk u l-wereaq li kienu jimblukkaw it-triq. Kompla jgħid li wara li sar dan ix-xogħol, it-triq ġiet ukoll maħsula. Is-Sindku propona u l-membri qablu li r-*road hump* tal-konkos li kien hemm approvazzjoni fuqha li tinqala' u ssir tal-plastik f'minuti numru 11/2020 tas-26 ta' Marzu 2020 ser tiġi imneħħiha. Is-Sindku propona u l-membri qablu wkoll li ssir talba lil Ministeru għal Għawdex peress li Triq ta' Ċenċ nqatgħet parti minn naħa ta' fuq u tinsab fi stat imminenti li ċċedi. Il-Viċi Sindku talbet ukoll sabiex ninfurmaw lil Ministeru għal Għawdex li t-triq tiżloq biex forsi jsir xi ħaġa.

25.3.12 Rigward il-*patching.* Is-Sindku informa lil membri illi hemm bżonn li jsir *patching* f'diversi toroq minħabba x-xita li għamlet. Kompla jgħid illi l-*patching* li sar f'Marsalforn kollu reġa' inqala bix-xita. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna illi l-*patching* m'għandux jerġa jsir peress li t-toroq ma jaqgħux taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill. Is-Sindku fakkar li għad hemm kont pendenti x'jitħallas tal-*patching.* Is-Sur Cordina kompla jgħid illi ma jaqbilx li jsir l-*patching* fit-toroq għax inkella l-Gvern Ċentrali li hu responsabbli minnhom jibqa' qatt ma jasfalthom. Fakkar ukoll li f'lokalitajiet oħra qed jitranġaw it-toroq u post bħal Marsalforn li hu post turistiku għadu bit-toroq mhux irranġati. Il-Viċi Sindku, Dr Marlene Cini fakkret lil membri li l-manutenzjoni tat-toroq hija kompitu tal-Kunsill u għalhekk tenniet li hemm bżonn Perit biex jiċċertifika kemm hu l-persentaġġ tat-triq kemm hi miksura. Is-Sur Daniel Cordina sostna illi meta triq tkun imkissra iktar minn 75% għanda issir mill-Gvern Centrali.

25.3.13 Is-Sindku talab il-permess tal-membri sabiex jibdew isiru l-bankini li jinsabu fil-lista' li ġew mitluba mir-residenti. Il-membri qablu li jingħata bidu għal dan ix-xogħol.

25.3.14 Is-Sindku informa lil Kunsilliera illi kellu komunikat mal-Profs Horatio Vella rigward il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Is-Sindku

kompla li żmien ilu kien tela' flimkien mas-Seg. Eżekuttiv ta' dak iż-żmien sabiex iwasslu l-kotba il-librerija pubblika tal-Furjana. Kompla jgħid li Profs. Vella waħħal fil-Kunsill li ġie abbandunat peress li ma ġiex mistieden għal attivita' tal-premju nazzjonali tal-ktieb. Il-Kunsill sab l-*acknowledgement* li l-librerija irċieviet il-kotba tal-Profs. Horatio. Is-Sindku ġie infurmat li l-ktieb ma ntgħażilx għal premju u l-Kunsill għamel kull ma seta'. Il-Profs. Vella informa lil Kunsill li ġie injorat u talab kumpens għal li ġara.

25.4 *Performance Bonus* tal-Ħaddiema Klerikali tal-Kunsill

25.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri tal-Kunsill illi l-*performance bonus appraisal* tal-ħaddiema ġie mimli. Is-Sindku qal li ta' l-opinjoni li jingħataw il-massimu. Il-membri qablu u għalhekk il-*performance* ser jingħata bis-6%.

25.5 Milied 2020

25.5.1 Is-Sindku nforma lil membri li tkellem mal-Kuntrattur tad-Dawl li żejjen iż-Żebbuġ biex jirranga xi dawl li ma xegħelx iżda ma taħx widen. Il-Kunsillier Baskal Saliba qal li jekk jibqa' ma jitranġax jinżammlu persentaġġ meta l-Kunsill jiġi biex iħallsu peress li mhux aċċettabli li ma jitranġawx. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li l-armar tal-Milied impruvja ħafna mis-snin preċedenti u ssuġġerixxa li s-siġra tal-Milied tinkesa bit-*tinsel* ħalli matul il-jum tkun tidher sabiħa u jattatta l-ħadid. Is-Sindku wieġeb li diġa ħaseb dwar dan iżda t-*tinsel* ma sservix minn sena għal sena peress li titbaskat bix-xemx. Is-Sindku propona li ssir xibka tat-terf biex tibqa sservi. Il-membri qablu li għandha ssir iżda qabel tiżarma titkejjel ħalli tkun tista' ssir ix-xibka. Il-Kunsillier Baskal Saliba ssuġerixxa li titqabbad l-Għaqda ta' l-Armar biex tagħmel din ix-xibka. Il-membri qablu li għandhom jinġabru l-kwotazzjonijiet.
Rigward il-karru tal-Milied li ser jiġi provdut minn Noel Castillo, is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li dan ser jibda' minn Marsalforn u jibqa' tiela' ż-Żebbuġ mit-8.30 sal-10.30 ta' fil-għaxija f'Lejliet il-Milied. Il-membri qablu li l-Kunsilliera Sandra Grech ser toħroġ miegħu sabiex tigwidah fejn għandu jmur. Is-Sur Baskal Saliba informa lil membri li sa dak in-nhar kien għadu ma nkiteb ħadd minħabba l-borża li titqassam lit-tfal fiż-Żebbuġ.

Rigward ir-rigali li ser jitqassmu lil kull dar fiż-Żebbuġ, is-Sindku propona u l-membri qablu li jingħata rigal lit-tfal mill-kinder sas-sitt sena, maskla bl-arma tal-Kunsill lil kull bniedem adult il'fuq mis-sitt sena kif ukoll kalendarju f'kull residenza, filwaqt li f'Marsalforn ir-residenti jiġu nfurmati biex imorru jigbruhom mill-Uffiċċju f'Marsalforn. Qablu wkoll li r-rigali jitqassmu mill-Għaqdiet tar-raħal u jingħataw €250 kull wieħed għas-servizz tagħhom.

25.6 **Mistoqsijiet/Suġġerimenti mill-Kunsilliera.**

25.6.1 Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini ressqet dawn il-punti:

- Talbet *update* tax-xogħol li qed isir fil-*Playing Field* taż-Żebbuġ. Is-Sindku spjega li l-Kuntrattur Richard Cauchi qed jgħaddi l-pipijiet ta' l-ilma u d-dawl, il-kisi tal-ħitan miexi u l-tpoġġija tal-bricks u ċ-ċinta lesti. Kompla jispjega li kif jitlestew jitkompla jitpoġġa l-madum

- Talbet *update* tax-xogħol li qed isir fi Triq Santa Marija. Is-Sindku informha li l-Perit qed jiċċekja s-*survey* li sar mis-*surveyer* minħabba l-livelli.

- Ressqet ilment minngħand residenti fi Triq is-Sellum sabiex jitwitta' bil-konkos ċint li hemm f'din it-triq. Il-membri qablu li jsir wiċċ bil-konkos.

- Staqsiet meta ser tixgħel il-bozza l-ġdida ta' Triq Madonna taċ-Ċiċċri u s-Sindku infurmha illi l-Kunsill qed jistenna l-Enemalta biex tagħti d-dawl.

- Ipproponiet sabiex tintbgħat emejl lil Ministeru għal Għawdex sabiex tiġi asfaltata Triq iż-Żebbuġ/Triq l-Imgħallem speċjalment 'il fuq u 'l isfel miċ-ċimiterju u ħdejn l-istatwa tas-Salve Reġina għandha bżonn manutenzjoni mill-aktar fis possibli. Il-membri qablu li ssir talba.

- Rigward SPI.SCI.7.2020 Espressjoni ta' Interess – 'Smart Solutions' għall-Immaniġġjar tal-iskart, staqsiet jekk din l-iskema hux ser jidħol għaliha r-Reġjun f'isem il-Kunsilli t'Għawdex kollu, bi pjan ħolistiku għal Għawdex kollu. Sostniet li din l-iskema mhux ta' min jitlifha peress li jistgħu jsiru diversi proġetti bżonjużi fil-qasam tal-ambjent u l-immaniġjar tal-iskart. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jaħdem fuq xi ideat.

- Rigward in-*neutering* tal-qtates tat-triq, ssuġġeriet li wasal iż-żmien li l-Kunsill ikollu *database* bl-ismijiet tal-*feeders* li għandna fil-lokalita'. Ipproponiet u l-membri qablu li jinħareġ avviż sabiex il-*feeders* iħallu d-dettalji tagħhom fl-Uffiċċju tal-Kunsill. Din l-iskema li ġiet imnedija hija tajba sabiex jinaqqsu l-ammont ta' *stray cats* fit-toroq tal-lokalita'. Talbet biex l-Kunsill jiċċekkja mal-Ministeru kkonċernat jekk hux ser ikun hemm *veterinary clinics* ġewwa Għawdex.

- Ħeġġet lil membri sabiex nhar il-Ħadd li ġej jingħaqdu magħha sabiex jagħtu donazzjoni tad-demm fil-Berġa tax-Xewkija. Il-Kunsilliera Sandra Grech infurmata li ser tingħaqad magħha sabiex tagħti d-demm.

25.6.2 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:

- Talab *update* rigward is-siġar tal-brook li qed jostakolaw il-bankini fi Triq Santa Marija. Is-Sindku nfurmah li l-Perit tal-Kunsill għandu jinżel fuq il-post sabiex ikun jista' japplika mal-ERA biex jitneħħew.

- Ikkumplimenta lil Kunsill għax-xogħol li qed isir fil-*playing field* taż-Żebbuġ. Is-Sindku nforma lil membri li s-*safety tiles* tal-*Qbajjar promenade* qed jinqalgħu u huma perikolużi. Il-membri qablu li għandhom jitranġaw.

- Informa lil membri li Għajn Quċċat kellu jitnaddaf. Is-Sindku infurmah li s-sid qallu li ser inaddfu hu. Is-Sur Cordina qal li ser jivverifika mas-sid f'dan ir-rigward.

- Talab sabiex il-biċċa li baqa' ssir ta' Triq Ponta titranġa u ssir bit-tarmac jekk jibqa' fondi mill-Ministeru għal Għawdex. Il-membri qablu li jsir dan jekk ikollna l-approvazzjoni tal-Ministeru. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk din it-triq ġietx inkluża mar-*Residential Roads Programme.* Is-Sindku wieġeb li diġa intbgħatet il-BOQ tagħha lil Ministeru għal Għawdex.

26.6.3 Il-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech ressqet dawn il-punti:

- Talbet *update* rigward il-laqgħa li kienet saret fil-Lukanda Calypso mas-sidien tal-ħwienet ta' Marsalforn. Is-Sindku tgħarraf illi l-Kunsill għadu qed jistenna risposta mir-Reġjun t'Għawdex u l-Ministeru għal Għawdex jekk meta u hux ser titħaddem din l-iskema.

- Talbet sabiex jiġu mmarkati l-*parking spaces* ta' quddiem il-Plajja f'Marsalforn. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' Transport Malta.

- Infurmat lil membri li l-boroz ta' l-iskart li kien hemm fejn il-Gabbiano spiċċaw fil-baħar. Il-Kunsill għandu jinforma lil Public Cleansing Section f'dan ir-rigward.

- Giet infurmata mis-sid tal-Qbajjar Restaurant illi l-ħames bozzoz ta' quddiem ir-restorant man-naħħa tal-bajja għadhom mitfija. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tindaga.

- Talbet sabiex terġa tinġibed l-attenzjoni ta' Eco-Gozo biex ikompli jitranġa r-*railing* ta' l-injam ta' fejn il-papri fil-Wied ta' Marsalforn. Is-Seg. Eżekuttiv għandha terġa tfakkar lid-Direttur biex jitkompla.

- Fakkret biex terġa tintbgħat *reminder* lil Ministeru sabiex tiġi asfaltata Triq Santa Marija.

- Talbet biex terġa tintbgħat *reminder* rigward l-*iscaffolding* perikoluz li hemm mal-bini għoli fi Triq il-Forn kantuniera ma Triq il-Qbajjar.

- Talbet sabiex tintbgħat korrispondenza lil Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri sabiex isir bil-mużajk it-tarag ta' fejn l-Għassa ta' Marsalforn li jagħti għal Knisja.

25.6.4 Il-Kunsillier s-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:

- Informa lil dawk preżenti li hemm bżonn li jiġi ikkontrollat it-traffiku fl-inħawi ta' l-iskola waqt id-dħul u l-ħruġ ta' l-istudenti mill-iskola. Fil-ħinijiet ta' l-iskola ikun hemm konfużjoni kbira u jinġabar ħafna traffiku fi Triq Ġoma u Triq Sant' Indrija. Is-Sindku infurmah li diġa tkellem mas-Supt. Tal-Pulizija f'dan ir-rigward u dan ta' l-aħħar infurmah li qatt ma ġġambja t-traffiku. Is-Sur Baskal Saliba sostna li ġieli l-karozzi ma jkunux jistgħu jgħaddu. Il-Viċi Sindku proponiet li għandha ssir talba lil Transport Malta li bħal ma jsir fejn skejjel oħra għandu jintbgħat uffiċċjal ta' Transport Malta u joqgħod fejn il-Każin tal-Banda biex jidderiġi t-traffiku. Il-membri qablu li jintalab permess lil Transport Malta biex it-triq tiġi *one way* waqt il-ħin tad-dħul u ħruġ mill-iskola. L-ilment ġie nnotat u din il-problema ser tiġi mitkelma mal-Perit tal-Kunsill sabiex issir Traffic Management Plan għal approvazzjoni ta' Transport Malta.

- Talab għal aġġornament fuq it-*traffic management plan* ta' quddiem il-Każin tal-Banda specjalment waqt il-ħinijiet ta' l-iskola. Kien hemm qbil sabiex terġgħa tintbgħat emejl lil Perit f'dan ir-rigward.

- Fakkar fil-qbil li kien hemm f'laqgħa oħra tal-Kunsill sabiex issir talba biex isiru ix-xowers bejn il-pixxina ta' l-Otters u r-Restaurant Otters ħdejn il-banju ta' l-Isqof. Il-membri qablu li tintbgħat talba lil Eco Gozo.

- Talab jekk il-kumpless ta' Hal Sagħtrija jistgħux jidħlu ma' l-iskema ta' ġbir ta' skart tar-ristoranti li ssemmit aktar kmieni. Is-Sindku wieġeb li bħalissa din ser issir f'Marsalforn biss peress li qed isir studju pilota f'dan ir-rigward.

- Rigward id-dawl tal-kolonni ta' Triq Oniċi. Il-membri qablu li jitqabbad kuntrattur ieħor li s-Sur Formosa ma għamilx ix-xogħol. Is-Sindku informa lil membri li ġie mqabbad is-Sur Alex Gatt.

- Staqsa fiex waslet is-*sleeping policeman* li ntalbet li ssir fejn il-Gabbiano. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li intalab il-permess ta' Transport Malta fejn ġiet infurmata li l-ewwel ser tmur fuq il-post il-Perita ta' Transport Malta sabiex ikun jista' jingħata l-permess.

- Staqsa għal *update* tal-grada ta' l-ilma tat-Triq Skappuċċina, l-isqaq fi Triq Għajn Mhelhel u l-*water culvert* ta' Triq is-Salina. Is-Sindku nfurmah li bħalissa l-Perit hu mgħobbi bil-proġetti tal-Kunsill iżda wegħdu li kien jeħles ftit mix-xogħol b'lura li għandu ser jieħu ħsieb li joħroġ il-BOQ.

- Talab sabiex isiru tabelli li jindikaw li hemm latrina pubblika fil-bajja tax-Xwejni fejn l-*islip way* kif ukoll fejn il-gabbana fejn jgħumu s-sorijiet. Il-membri qablu.

- Staqsa meta ser jibdew isiru l-bankini li hemm fil-lista' tal-Kunsill. Is-Sindku propona li jibdew isiru wara l-festi u l-membri qablu.

- Propona sabiex titħawwel sigra/pjanta darba fix-xahar madwar il-lokalita'. Is-Sindku fakkru li l-Kunsill diġa applika għal iskema ta' Tħawwil ta' Sigar f'żoni urbani u li l-Kunsill ser jingħata 30 siġra u arbuxella. Il-membri qablu li għandha titħawwel sigra xahar f'Marsalforn u xahar fiż-Żebbuġ.

- Propona li ssir kompetizzjoni tal-plattini. Il-membri qablu li għandha tiġi organizzata kompetizzjoni wara l-Festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Is-Sur Baskal Saliba għandu jieħu ħsieb din il-kompetizzjoni u jinforma lil Kunsill bid-data ta' meta ser issir.

- Informa lil Kunsill li qed isir ħafna serq mill-latrina pubblika tax-Xwejni. Is-Sindku nfurmah li l-*cleaner* għamlet diversi rapporti lil Pulizija f'dan ir-rigward.

## 25.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti

25.7.1 Tweġiba minngħand sid ta' għalqa għal ittra tal-Kunsill rigward il-*boundry wall* fi Triq Frank Debono f'Marsalforn fejn dan informa lil Kunsill li hemm ix-xatba tal-ħadid flok ħajt tal-ġebel u li xorta n-nies qed jarmu l-iskart fiha. Il-membri qablu li għandha terġa tintbgħat korrispondenza fejn l-Kunsill jitlob li jitella l-ħajt kif titlob il-liġi.

25.7.2 Talba minngħand resident fejn talab li ssir *sleeping policeman* fi Triq ix-Xtut. Il-membri ma qablux ma din peress li t-triq tinsab b'telgħa. L-istess resident talab ukoll sabiex issir bankina ġdida fi Triq Santa Marija sabiex jitneħħew it-turġien li jinstabu f'kull bankina. Il-membri qablu li jekk jibqa' fondi tad-DPF tkun tista' ssir.

25.7.3 Emejl m'għand resident fejn talab li tiġi nstallata bozza ġdida fil-kantuniera qabel ma tidħol Triq Barda. Il-membri qablu li għandu jintalab il-parir ta' l-Enġineer f'dan ir-rigward sabiex tkun tista' ssir.

25.7.4 Talba minngħand is-Sur Cauchi rigward reimburż ta' €61.99 minħabba xi ħsarat fil-karozza li saritlu f'Marsalforn. Il-membri ma qablux li jingħata reimburż peress li lil ħaddieħor ukoll iċaħditlu t-talba.

25.7.5 Talba minngħand s-Sna Xuereb fejn talbet għal metru *double yellow line* mal-ġnub tal-garaxx tagħha. Il-membri qablu li ssir talba lil Transport Malta f'dan ir-rigward.

25.7.6 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill minngħand resident fejn informa lil Kunsill li maġenb id-dar tiegħu fi Triq il-Ponta jeżisti passaġġ li jdur mal-istess dar u li eventwalment jaqbad lejn l-għelieqi li hemm wara d-dar tiegħu. Qal li l-passaġġ, fil-konfini tal-kuntratt tiegħu hu deskritt bħala passaġġ pubbliku. Ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li minkejja dan, l-passaġġ ġie kkapparat minn individwi li joqgħodu maġenbu u li saħqu li l-passaġġ hu tagħhom u saħansitra

jagħlquh b'xatba u jimblukkawh b'karru. Kompla jinforma lil Kunsill li l-individwi qatt ma gabu prova li l-passaġġ hu tagħhom. Is-Sur Daniel Cordina hu ta' l-opinjoni li l-Kunsill m'għandux jidħol fi kwistjonijiet bejn ir-residenti u din hi materja taħraq peress li l-Kunsill ġie mħarrek quddiem il-bord tal-governanza. Il-Viċi Sindku sostniet li mhix kompitenza tal-Kunsill li jivverifika jekk l-isqaq hux pubbliku jew privat u li din il-kwistjoni għandha tinqata' bil-qorti fost dawn iż-żewġ individwi. Is-Sindku propona sabiex min qed jilmenta jintalab d-dokumenti li juri li hu pubbliku u ttieħed il-parir ta' l-Avukat. Is-Sur Daniel Cordina u s-Sur Baskal Saliba ma qablux mal-proposta tas-Sindku iżda proponew li jittieħed il-parir tal-Avukat kif il-Kunsill jista' joħroġ minn din il-kwistjoni. Il-Viċi Sindku qalet li l-Kunsill għandu bżonn il-parir ta' l-Avukat peress l-Kunsill irid jirrispondi lir-resident. Il-membri qablu. Il-Viċi Sindku proponiet ukoll li l-Kunsill għandu jistenna sabiex qabel tilħaq tinqata' d-deċiżjoni tal-Bord. Is-Sindku sostna li l-Kunsill m'għandux jidħol fi kwistjonijiet personali jekk l-isqaq hux pubbliku jew privat.

25.7.7 Ilment Nru 104/2020

Titlob sabiex tissewwa l-bankina fi Triq Lifurna, Marsalforn. Il-membri qablu li din tissewwa.

25.7.8 Ilment Nru 105/2020

Talab sabiex titneħħa l-mera tat-traffiku u t-tabella STOP li qegħdin fuq arblu quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq il-Ponta, Żebbuġ peress li jistgħu iħallu impatt negattiv fuq il-faċċata tad-dar li ġiet rrestawrata mill-ġdid. Il-membri qablu li titneħħa t-tabella STOP u minflok tinżebgħah fl-art iżda rigward il-mera tat-traffiku ma qablux li din titneħħa peress li jista' jinħoloq perikolu lir-residenti ta' nofs Triq il-Ponta. Qablu wkoll li ma għandhiex titneħħa peress li din il-mera lanqas hi imwaħħla mal-proprjeta' privata iżda fuq arblu l-isfel mill-bankina. Il-Viċi Sindku proponiet li nitolbu lil Transport Malta għal parir tagħhom. Il-membri qablu.

Talab ukoll sabiex il-bozza tal-dawl li hemm imwaħħla mal-faċċata tinbidel u titwaħħal bozza oħra ta' tip rustiku li tikkumplimenta isbaħ il-faċċata tad-dar tiegħu. Il-membri ma qablux ma din il-proposta peress li Kunsill ma jistgħax jibdel ta' resident wieħed u

ta' ħaddieħor ma jibdlux. Barra minnhekk il-bozza ma tkunx uniformi mal-kumpliment tat-triq.

Is-Sur Daniel Cordina skuża ruħu u telaq mill-laqgħa virtwali fis-7.15 ta' filgħaxija minħabba impenji oħra.

25.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

25.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 18/2020 għall-perjodu bejn 27 ta' Novembru 2020 u 14 ta' Diċembru 2020 li tammonta għal €64,488.86 ġiet approvata.

25.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

25.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-7.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta, 19 ta' Jannar 2020 fil-5.15 ta' filgħaxija.

Nicky Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv

Iffirmati: 28th January 2021.